MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 1401/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs.**

**Carmelo Delia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmelo Delia** ta' tlieta u hamsin (53) sena, iben Karmenu u Maria neé Xerri, imwieled Zabbar, nhar il-4 ta' Mejju 1958, residenti 119, Lia Luna, Triq il-Karmnu, Zabbar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 336758(M), akkuzat talli fit-8 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-17:15hrs, gewwa Siauel Building, Blokk A, Flat 4, Dawret ix-Xatt, Xghajra:

1. hebb ghall-Charmain[1] Muscat, detentrici tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 449686(M) u kkagunalha griehi ta’ natura gravi skont ma ccertifika Dr. Eric Scerri mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Adrian Farrugia, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 375778(M) u kkagunalhu griehi ta’ natura hafifa skont ma ccertifika Dr. Eric Scerri mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, waddab u/jew qabad arma ohra kontra bint Adrian Farrugia ta’ sentejn, Roanna Farrugia;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded lil Charmain Muscat bi kliem;

5. fl-istess data, lok u corkostanzi gab ruhu b’tali mod li kkaguna biza’ lil Charmain Muscat u l-familjari taghha li ser tintuza vjolenza, meta hu kien jaf jew imissu kien jaf li b’tali imgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta’ dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “SS 8” – *a fol.* 12).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 13).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanti.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b’mod volontarju.

[1] Dan huwa l-mod kif inhu miktub l-isem tal-parti leza Muscat fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mid-difiza.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 132 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Robert Said Sarreo** (*a fol.* 14 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' rapport li kien sar fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar. Ezebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "RSS 1" u "RSS 2" (*a fol.* 18 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li anke l-imputat sofra xi griehi u li pprezenta wkoll certifikat mediku. Ezebixxa numru ta' dokumenti ohra li gew immarkati minn Dok. "RSS 3" sa "RSS 5" (*a fol.* 28 *et seq.*).

L-i**Spettur Robert Said Sarreo** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 41) fejn ezebixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. "RSS 6" (*a fol.* 42).

L-i**Spettur Robert Said Sarreo**, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 55), ezebixxa affidavit ta' Dr. Mark Bugeja, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "RSS 6" (*a fol.* 57).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012, xehdet ukoll **Charmain Muscat** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn qalet li gimgha qabel il-15 ta' Novembru 2011 kienet fid-dar fejn joqghod Adrian Farrugia (li jigi missier it-tifla taghhom) u peress li kien hemm sufan bil-moffa, cemplet lil Adrian u dan qalilha biex iccempel lil Joyce [Josephine] Delia (sid il-post) u meta ghamlet hekk din bdiet tghajjat. Tghid li s-sufan bil-moffa mhux tajjeb ghat-tifla taghha. Tixhed li hi ma toqghodx fil-post ta' Adrian Farrugia. Tghid li Joyce Delia qaltilha li meta jkollha cans tmur tara s-sufan u li kwarta wara semghet il-bieb ihabbat u hekk kif fethet il-bieb, dahlet Joyce Delia ghaliha u bdiet tistaqsieha fejn kien is-sufan bil-moffa u bdiet tghidilha li ma kien hemm l-ebda sufan hekk u li bdiet taghmel idejha ma' wiccha (ma' wicc Charmain). Tispjega li, f'hin minnhom, dahlu l-imputat u ibnu (li jigi r-ragel u t-tifel ta' Joyce rispettivament) u iben l-imputat taha daqqa ta' ponn. Tghid li l-imputat u ibnu qabdu jaghtuha u li l-

imputat qabadha mill-flokk u beda jsabbatha mal-hajt u f'hin minnhom qabad siggu u qalilha li kien ser joqtlilha t-tifla f'liema hin dahal certu Raymond li qal lill-imputat biex inizzel is-siggu. Tghid li l-mara tal-imputat ma messithiex. Tixhed li cemplet lil Adrian Farrugia u hekk kif wasal qabdu jaghtuh u hi marret biex tferraq lill-imputat u lil ibnu u lil Adrian u tixhed: *"Dak ir-ragel qalli "noqtol lilek". Beda jaghtini bil-ponn u jien bdejt nipprova nilqghu u ghamilli din il-haga Sinjur li jien spiccajt operajt ruhi fuq idi [ix-xellugija] u ghadni qed nbaghti biha s'issa"* (*a fol.* 33). Tghid li minhabba l-imputat kellha taghmel operazzjoni u li kellhom jaghmlulha pjanca u hames boldijiet fiha. Tixhed li damet xahar fil-gibs u li kienet ghadha ghaddejja bit-terapija. Mistoqsija tghid lil min marret tferraq, tghid: *"Dak ir-ragel [ghall-imputat] u t-tifel tieghu bdew jaghtu lil Adrian. Jien ghidtilhom biex ihalluh ghax it-tifla bdiet twerzaq mbaghad qabad qalli: "lilek noqtlok, tindahalx" u beda jaghtini bil-ponn. […] Jien mort biex nilqghu u beda jaghtini bil-ponn hafna fuq idi"* (*a fol.* 34). Tghid li beda jaghtiha fuq wiccha wkoll.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 83 *et seq.*), tghid li l-appartament fejn sehh l-akkadut jikrih Adrian Farrugia u li dakinhar tal-akkadut kienet cemplet lil Joyce Delia biex tmur fl-appartament. Giet murija ritratti mmarkati minn Dok. "LP 2" sa "LP 5" (*a fol.* 87) f'liema ritratti rat is-sufan in kwistjoni. Ma taqbilx li qalghet l-incident biex tkun tista' tohrog mill-kera. Tghid li Joyce Delia qabdet u dahlet wara li hi (Muscat) fethitilha l-bieb. Mistoqsija tghid kif jista' jkun li Joyce Delia kellha xi griehi fuqha meta hi (Muscat) qalet in ezami li la hi (Muscat) u anqas Delia ma messew lil xulxin, twiegeb: *"ma nafx hux, ma nafx"* (*a fol.* 84). Tichad li f'xi hin messet jew qalbet lil Joyce Delia.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 329 Reuben Saliba** (*a fol.* 36 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "RS 1" (*a fol.* 20 *et seq.*). Jghid li fit-8 ta' Novembru 2011 wara nofsinhar kienu marru l-Ghassa Joyce Delia flimkien ma' zewgha l-imputat fejn irraportaw li kienu gew aggrediti minn Charmain Muscat. Jghid li Joyce Delia qalet li waqt l-argument li nqala' kienet qalghet daqqa ta' ponn go zaqqha minn ghand Charmain Muscat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li hekk kif il-konjugi Delia marru l-Ghassa tal-Pulizija immedjatament wara marru Charmain Muscat u Adrian Farrugia.

Fir-rapport (Dok. "RS 1" – *a fol.* 20 *et seq.*) hemm indikat hekk: *"Charmain Muscat […] qalet ukoll illi l-istess Carmelo taha bil-ponn f'wiccha u f'idejha u beda jheddidha li ha joqtolha"* (*a fol.* 23).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehed **Dr. Eric Scerri** (*a fol.* 43 *et seq.*) rigward ic-certifikat mediku rilaxxat minnu liema certifikat jinsab ezebit u mmarkat bhala Dok. "RSS 6" (*a fol.* 42). Filwaqt li konferma l-kontenut ta' dan ic-certifikat, li nhareg wara ezamina lil Adrian Farrugia, ikkonferma li Farrugia sofra griehi ta' natura hafifa. Ezebixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. "ES 1" (*a*

*fol.* 47)[2] liema certifikat gie rilaxxat fl-istess hin li Muscat marret ma' Adrian Farrugia. Jghid li sa dak il-hin kien ikklasifika l-griehi sofferti minn Muscat kienu *"hfief sakemm m'hemmx kumplikazzjonijiet"* (*a fol.* 45). Jispjega li kien irrefera lil Muscat biex tmur l-iSptar Mater Dei u li wara li Muscat marret l-iSptar regghet marret ghandu u qaltlu li t-tabib li kien hemm irrifjuta li jaghmlilha certifikat u ghaldaqstant hu (Scerri) irrilaxxa certifikat mediku iehor li jinsab *a fol.* 27 f'liema ndika li l-gerha tal-id li soffriet Muscat kienet ta' natura gravi peress li kellha ksur.

In kontro-ezami jghid li kien Dr. Mark Bugeja t-tabib li rrifjuta li johrog ic-certifikat fir-rigward ta' Muscat meta hi marret l-iSptar Mater Dei.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013 (*a fol.* 66 *et seq.*), jghid li ma jafx jekk wara li kien baghat lil Muscat l-iSptar Mater Dei jekk hija kinitx irceviet trattament pero jghid li kellha idha ingessata.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Adrian Farrugia** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn qal li f'Novembru 2011 ghall-habta tat-3.00pm sab li kien hemm sufan bil-moffa fil-fond fix-Xghajra, fejn joqghod hu, u qal lil Charmain Muscat biex iccempel lil sid il-post u f'hin minnhom cemplitlu Muscat u qaltlu li kienu qabdu jaghtuha. Jghid li bintu u bint Charmain Muscat kienet ma' Muscat. Jixhed li hekk kif wasal fil-fond, ra siggu mal-art, sab lit-tifla twerzaq u tibki u sab lil Charmain Muscat tibki wkoll u hi kellha l-flokk imqatta' u d-demm hiereg minn imnehirha. Jghid li fil-fond kien hemm l-imputat, martu u binhom. Jghid li hu (Farrugia) qalilhom biex johorgu l-barra u l-imputat qallu li hemmhekk hwejgu u qabad jaghtih (l-imputat lil Farrugia). Jghid li l-imputat u ibnu tefghuh go rokna u bdew jaghtuh bil-ponn. Jixhed li kien l-imputat li avvicinah l-ewwel u tah daqqa ta' ponn go wiccu. Jghid li x'hin qalilhom li kien ser icempel lill-Pulizija, waqfu jaghtuh. Jghid li Charmain Muscat kellha xi ugiegh f'idejha.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 88 *et seq.*) jghid li l-appartament fejn inqala' l-akkadut jikrih hu.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehed **Raymond Savona** (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn qal li huwa joqghod vicin fejn sehh l-akkadut u li dakinhar tal-akkadut sema' hafna ghajjat u storbju u hareg il-barra mill-*flat* tieghu u ra lil Joyce Delia u lil Charmain Muscat. Jghid li l-imputat u ibnu telghu fuq jigru u kif ra li ha jinqala' t-tahwid qabad u dahal il-gewwa fl-appartament fejn jghix. Jghid li kemm Joyce Delia u Charmain Muscat bdew jghajtu. Jixhed li sema' xi dagha li kien gej minn Charmain Muscat. Jghid li lill-imputat ma rah jaghmel xejn ghax kien lehaq dahal gol-appartament tieghu. Jghid li l-imputat u martu huma sidien tal-kera tal-fond fejn joqghod hu.

---

[2] Dan huwa identiku bhal Dok. "RSS 2" (*a fol.* 26).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 78 *et seq.*), jghid li qatt ma kellu xi jghid mal-imputat u martu.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012, xehed **Dr. Mark Bugeja (***a fol.* 62) fejn ikkonferma li d-dokument li jinsab *a fol.* 25 gie rilaxxat minnu wara li ezamina lil Charmain Muscat u fejn irrizultalu li kellha ksur f'wahda mill-ghadmiet ta' idha x-xellugija u li s-seba' kien imdawwar.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-25 ta' April 2013 (*a fol.* 72 *et seq.*), jghid li l-ksur li sofriet Charmain Musat ma kienx *boxer's fracture* kif gie suggerit lilu u dana a differenza ta' *spiral fracture*. Mistoqsi jghid jekk kienx ra l-*x-rays*, jghid li minkejja li ma jiftakarx dan il-kaz partikolari pero hu dejjem jara l-*x-rays* u dana b'mod specjali ghax ikkonkluda li kien hemm *spiral fracture*.

In ri-ezami, mistoqsi jghid jekk dan il-ksur huwiex kompattibli ma xi hadd qed jaghti jew jaqla' daqqa, jghid: *"Normalment xi hadd qed jaqla' d-daqqa hekk l-ghadma tinkiser u tinqasam, mhux tinqasam b'mod angolat. Issa dik l-element ta' rotation li seta' kien hemm il-mekkanizmu ta' d-daqqa tista' taghmilha aktar varjata"* (*a fol.* 74).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, xehed **Dr. Marcel Tufigno** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn gie muri tlitt certifikati medici mmarkati minn Dok. "RSS 3"sa "RSS 5" (*a fol.* 28 *et seq.*) u kkonferma li dawn gew rilaxxati minnu wara li ezamina lill-konjugi Delia u binhom u li rrizulta li kellhom xi griehi hfief.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013, xehed l-imputat **Carmelo Delia** (*a fol.* 91 *et seq.*) fejn qal li martu u hu kienu flimkien u ddecidew li jmorru fejn sehh l-akkadut biex jigbru l-kera minn ghand Raymond Savona u Charmain Muscat. Jghid li marru martu, hu u binhom. Jispjega li, f'hin minnhom, semgha l-ghajjat, inkluz dagha da parti ta' Charmain Muscat, u ibnu qallu li ommu kienet qed tghajjat. Jghid li telghuh jigru u t-tifel dahal ghal ommu li kienet mal-art u x'hin hu (l-imputat) beda jipprova jidhol gewwa, Charmain Muscat bdiet taghtih bit-takkuna fuq widnejh. Jghid li hu ma dahalx fl-appartament. Mistoqsi jghid x'kienet qed taghmel Charmain waqt l-argument jghid li ma jistghax jghid ghax kien barra.

In kontro-ezami jghid li meta hu u t-tifel tieghu telghu fuq kien hemm Charmain Muscat u t-tifla fl-appartament. Jghid li hu baqa' barra. Jichad li f'xi hin refa' jdejh fuq Charmain Muscat. Mistoqsi jghid kif jista' jispjega l-griehi li kellha fuqha Charmain Muscat, wiegeb: *"Jien forsi meta gbidt it-tifel forsi griftha xi naqra?"* (*a fol.* 93). Jghid li ma jafx minn fejn gie l-ksur li sofriet Charmain Muscat. Jghid li meta mar Adrian Farrugia dan ta daqqa ta' ponn lill-ibnu (iben l-imputat). Jispjega li hu gibed it-tifel il-barra u Charmain Muscat bdiet taqbez kemm tiflah fuqhom. Jghid li hu kien fil-bieb ta' barra.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, xehdet **Joyce Delia** (*a fol.* 98 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut cemplitilha Charmain Muscat u qaltilha biex imorru jnehhu s-sufan ghax kien bil-moffa. Tghid li marret tigbor xi kera minn ghand Raymond Savona u kif kienet hemm habtet lil Charmain Muscat u meta fethitlilha staqsieha fejn kienet il-moffa u Muscat bdiet tkellimha hazin u tidghi. Tghid li f'hin minnhom Muscat qalbitha u qalet *"ajma"* u telghu binha u r-ragel u binha beda jipprova jigbidha minn taht. Tghid li Muscat bdiet timbotta l-bieb u zewgha l-imputat beda jigbed lilha u lit-tifel. Tghid: *"hi [Muscat] kellha dillirju fuqha, tidghi, tghajjat, bdiet taghti"* (*a fol.* 99). Tghid li ezatt kif kienet hierga mill-bieb, wasal Adrian Farrugia u fajjar daqqa ta' ponn jew lil binha jew lil zewgha. Tghid li huma kienu fil-bieb ezatt u li ma hemmx wisq wiesa'. Tichad li xi hin rat lill-imputat ikisser xi ghamara jew jaqbad xi siggu. Tghid li l-ghamara hija taghhom.

In kontro-ezami tghid li Muscat l-aktar li bdiet taghti kien lill-imputat. Tghid li Charmain Muscat bdiet taghti l-hin kollu mal-bieb u timbotta. Meta gie suggeriet lilha li Raymond Savona dahal fl-appartament u beda jipprova jzomm lill-imputat u beda jghidlu biex ihalli lil Muscat ghax kienet ser tghallih, wiegbet: *"Imma mhux dahal fl-appartament, fil-bicca ta' l-istess flat, ghax hemmhekk hemm bicca mdahhla 'l gewwa"* (*a fol.* 101). Tikkonferma li Raymond Savona vera qallu hekk lill-imputat.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, xehed ukoll **Samuel Delia** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn beda billi qal li l-imputat jigi missieru u li ommu marret biex tigbor xi kera minn ghand Raymond Savona. Jghid li ommu telghet fuq u missieru u hu qaghdu isfel. Jghid li semghu xi ghajjat u missieru u hu telghu jigru u hu (Samuel) sab lil ommu mal-art u lehaq refaghha u hekk kif tela' missieru u mar biex jidhol, Muscat bdiet mal-ewwel tfajjar u tat daqqa mill-ewwel u kellha takkuna f'idha u mal-ewwel qasmitlu widnejh lil missieru. Jghid li ma rax lil missieru jersaq lejn it-tifla. Jghid li f'hin minnhom mar Adrian Farrugia u dan beda jghajjat u l-ewwel mbotta lil missieru.

In kontro-ezami jghid li sema lil ommu tghid *"ajma"*. Jichad li xi hin huwa refa' jdejh fuq Charmain Muscat. Jghid li ddefenda ruhu minn Adrian Farrugia. Jghid li ma rax lil missieru jerfa' jdejh fuq Charmain Muscat u li meta Charmain Muscat bdiet taghti bt-takkuna, bdew jissaraw u missieru ddefenda ruhu. Jghid li missieru beda jimbotta lil Charmain Muscat x'hin hi bdiet taghtih bit-takkuna. Jixhed li Charmain Muscat bdiet tidghi, tghajjat u taghti u li hekk kif wasal Adrian Farrugia dan qabad jaghti mal-ewwel. Jghid li Raymond Savona mar iferraq u dahal fin-nofs. Ma jidhirlux li Raymond Savona beda jzomm lil missieru l-imputat u lil missieru qallu biex ihalli lil Charmain Muscat ghax kienet ser tghallih. Jghid li dan l-argument sar barra mill-bieb.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014, id-difiza ezebiet CD, prokura u *documentary literature* li gew immarkati minn Dok. "LP 6" sa "LP 8" (*a fol.* 110 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "RSS 1" – *a fol.* 18 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat ta deskrizzjoni ta' dak li gara fit-8 ta' Novembru 2011 fuq l-istess linji ta' dak li qal meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Jghid li hekk kif dahal wara t-tifel tieghu, Charmain Muscat tatu daqqa ta' takkuna u qasmitlu widintu x-xellugija. Jghid li ftit wara dahal Adrian Farrugia u tah daqqa ta' sieq fuq genbu (lill-imputat) u iben l-imputat imbuttah. Jichad li hu, martu u ibnu dahlu ghal Charmain Muscat ikkargati u mill-ewwel qabdu jsawwtuha. Mistoqsi jghid jekk hu, f'xi hin jew iehor, tax xi daqqa lil xi hadd, wiegeb fl-affermattiv u jghid li ghamel hekk biex jiddefendi ruhi. Jghid li refa' jdejh fuq Adrian Farrugia. Jichad li f'xi hin mess lil Charmain Muscat. Jichad li huwa sawwat lil Charmain Muscat. Mistoqsi jghid jekk hux veru li marru xi girien biex izommuh milli jkompli jsawwat lil Charmain Muscat jew lil Adrian Farrugia qal: *"Raymond gibidni l-barra u qalli 'ghax inkella tghallik""* (*a fol.* 19). Jichad li qabad siggu u kien ser jaghti daqqa bih lit-tifla ta' Charmain Muscat. Jichad ukoll li f'xi hin hedded lil Charmain Muscat li kien ser joqtolha.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-ewwel kien hemm argument bejn il-parti leza Muscat u l-mara tal-imputat, liema argument tkompla meta marru fuq il-post tal-akkadut l-imputat u ibnu, u l-argument tkompla wkoll meta wasal fuq il-post il-parti leza l-iehor Farrugia.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- L-imputat fil-kawza odjerna huwa biss Carmelo Delia, ir-ragel ta' Joyce Delia, u ghaldaqstant il-Qorti ghandha tevalwa jekk il-provi li jirrizultaw mill-atti processwali jistghux iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront tieghu.

- Il-parti leza Muscat tghid li l-imputat beda jaghtiha bil-ponn u minhabba fih kellha taghmel operazzjoni minhabba ksur li sofriet. Da parte tieghu, l-imputat, fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, jirrikonoxxi li refa' jdejh fuq Adrian Farrugia, pero kemm fl-istqarrija u kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti jichad li f'xi hin dahal fl-appartament fejn kien hemm Muscat u jichad ukoll li refa' jdejh fuq Muscat. Minkejja dan, meta in kontro-ezami gie mistoqsi jispjega l-griehi sofferti li Charmain Muscat kellha fuqha, wiegeb: *"Jien forsi meta gbidt it-tifel forsi griftha xi naqra?"* (*a fol.* 93).

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-parti leza Muscat, meta hija qalet li l-imputat taha daqqiet bil-ponn u sofriet xi ksur minhabba f'hekk, hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tax-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri, b'mod partikolari dawk tal-parti leza Muscat u tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**

**(Hebb u Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' Charmain Muscat):**

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza Muscat, il-Qorti tinnota li, minn dak li nghad hawn fuq, gie pruvat li effettivament l-imputat hebb ghal Muscat.

Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Muscat, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju raġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, apparti x-xiehda moghtija mill-parti leza Muscat (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn xehdet rigward il-griehi sofferti minnha u qalet li kellha topera ruhha f'idha x-xellugija, il-Qorti evalwat ukoll ix-xiehda moghtija minn Dr. Eric Scerri (*a fol.* 43 *et seq.*), iz-zewg certifikati medici rilaxxati minn Dr. Eric Scerri fil-konfront tal-parti leza Muscat (Dok. "ES 1" (*a fol.* 47)[3] u dak li jinsab *a fol.* 27), u kif ukoll ix- xiehda moghtija minn Dr. Mark Bugeja (*a fol.* 62) fejn ikkonferma li d-dokument li jinsab *a fol.* 25 gie rilaxxat

[3] Dan huwa identiku bhal Dok. "RSS 2" (*a fol.* 26).

minnu wara li ezamina lil Charmain Muscat u fejn irrizultalu li kellha ksur f'wahda mill-ghadmiet ta' idha x-xellugija u li s-seba' kien imdawwar. Minn dan jirrizulta li m'hemmx dubju li l-parti leza Muscat sofriet griehi ta' natura gravi *ai termini* ta' Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi m'hemmx dubju li mill-provi prodotti jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Hebb u Feriti ta' Natura Hafifa fil-konfront ta' Adrian Farrugia)</u>:**

Illi l-Qorti semghet lil Charmain Muscat tghid li hekk kif wasal Farrugia fuq il-post tal-akkadut, l-imputat u ibnu qabdu jaghtuh. Da parte tieghu, Adrian Farrugia jikkonferma dan u jghid ukoll li kien l-imputat li avvicinah l-ewwel u tah daqqa ta' ponn go wiccu. Meta xehed l-imputat quddiem il-Qorti huwa qal li meta Farrugia wasal fuq il-post, Farrugia ta daqqa ta' ponn lill-ibnu. Il-Qorti tinnota wkoll li fl-istqarrija (Dok. "RSS 1" – *a fol.* 18 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, l-imputat ikkonferma li refa' jdejh fuq Adrian Farrugia.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u kif ukoll tal-konsiderazzjonijiet generali li saru aktar qabel, il-Qorti m'ghandu jibqghalha l-ebda dubju li effettivament l-imputat hebb ghal Adrian Farrugia. Fir-rigward tal-griehi sofferti minn Farrugia, Dr. Eric Scerri (*a fol.* 43 *et seq.*) ikkonferma li Farrugia sofra griehi ta' natura hafifa u kkonferma c-certifikat mediku (Dok. "RSS 6" – *a fol.* 42) rilaxxat minnu.

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju li anke t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Theddid bil-Gebel/Twaddib/Qbid ta' Armi Ohra fil-konfront ta' bint Adrian Farrugia)</u>**

**<u>(Theddid fil-konfront ta' Charmain Muscat)</u>:**

Illi fid-depozizzjoni moghtija minn Charmain Muscat, Muscat tallega li f'hin minnhom l-imputat qabad siggu u qalilha li kien ser joqtlilha t-tifla f'liema hin dahal Raymond Savona li qal lill-imputat biex inizzel is-siggu. Tghid li l-imputat qalilha li kien ser joqtolha. Dawn l-allegazzjonijiet ma gewx korroborrati minn hadd. Joyce Delia tichad li f'xi hin l-imputat qabad xi siggu. Raymond Savona jghid li huwa ma rax lill-imputat jaghmel xejn ghax kien lehaq dahal gol-appartament tieghu. Minkejja li l-Qorti tista' tispekula jekk dawn iz-zewg imputazzjonijiet sehhewx jew le, madanakollu

dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ghaldaqstant, *stante* li t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet ma gewx pruvati, l-imputat ser jigi liberat minnhom.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni –**

**(Biza' li ser tintuza Vjolenza)**:

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B((1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. M'hemmx dubju li ghandu jigi pruvat li kien hemm *course of conduct* sabiex l-imputat jigi misjub hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li, f'dan il-kaz, dan il-*course of conduct* ma jirrizultax ghaliex il-kaz odjern jirrizulta li kien incident ta' darba, li sehh f'jum wiehed fl-istess hin. Fl-ebda mument ma jirrizulta li l-imputat telaq u rega' mar lura fl-appartament fejn sehh l-akkadut. Ghaldaqstant, il-hames (5) imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni –**

**(Ksur tal-Bon Ordni b'Ghajjat u Glied)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentment pruvati.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, ighid hekk (pagna 104):

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was*

> *merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat jista' jinvoka legittima difesa da parte tieghu u dana *stante* li filwaqt li l-Qorti tinnota li l-imputat jghid li hu fl-ebda hin ma dahal fl-appartament in kwistjoni, ma jirrizultax li saret xi difiza da parte tieghu *"biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur"*, u dana kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** kwotata hawn fuq.

Illi lanqas ma jista' jigi nvokat l-iskuzanti tal-provokazzjoni. *Di fatti*, riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni neccessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti tinnota li l-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-parti leza Muscat u Farrugia kien wiehed li setgha jigi evitat. Il-vjolenza m'ghandhiex tigi tollerata. Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti, filwaqt li ser tiehu in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm nghad, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti: n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "SS 7" – *a fol.* 9 *et seq.*) tal-istess imputat.

Illi, in segwitu ta' dan, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Minflok il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi bil-ghan li l-imputat jifhem li dak li huwa ghamel dakinhar tat-8 ta' Novembru 2011 fil-konfront ta' Charmain Muscat u Adrian Farrugia kien hazin hafna u ma jergghax jirrepetih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 215, 216(1)(d), 221(1), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Carmelo Delia hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Charmain Muscat u Adrian Farrugia.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------